MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 423/2010

**John Mary Farrugia**

**Vs**

**L-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ John Mary Farrugia pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-ghoxrin (2) t’Ottubru, 2010 fejn espona s-segwenti:

Illi huwa gie notifikat bl-ittra ufficjali tat-23 ta’ Settembru 2010 mibghuta a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta – Dok. L.U. hawn anness – li biha huwa gie nterpellat sabiex ihallas:

Disgha mija w erbghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€940.72) rapprezentanti drittijiet tal-licenzja dovuti mill-1 t’Ottubru 2001 fuq il-vettura IAM 659;

Sitt mija w tmienja w sittin Ewro (€668) bhala multa amministrattiva kif hemmhekk indikat;

Mitejn u disgha w sebghin Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€279.48) rapprezentanti kontravenzjonijiet mhux imhallsa.

Illi huwa joggezzjona ghall-imsemmija talba bl-akbar qawwa u jirrespingi bhala totalment infondati fil-fatt u fid-dritt il-pretensjonijiet hemmhekk kontenuti stante illi:

Il-vettura bin-numru IAM 659 giet mibjugha lil Mario Gatt ta' 53, 'Sunrise', Triq Karmenu Vassallo, Siggiewi u dan fit-3 ta' Gunju, 2002.

Kontemporanjament mal-istess bejgh ir-rikorrenti ffirma t-'transfer' relattiva tal-licenzja u cioe' il-log book, u ghaddiha lill-kompratur imsemmi flimkien mad-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-assikurazzjoni tal-istess vettura;

Ir-rikorrenti nforma b'dan kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll lill-Awtorita' ntimata u dana diversi drabi verbalment kif ukoll bil-miktub – Dok. A u B hawn annessi.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara w tiddeciedi illi huwa mhuwiex responsabbli ghall-ebda wahda mill-hlasijiet fuq imsemmija marbuta mal-vettura numru IAM 659;

Tordna lill-Awtorita' ntimata tiddezisti milli tkompli taddebita hlasijiet ta' licenzji tal-istess vettura u multi u kontravenzjonijiet konnessi maghha lir-rikorrenti;

Konsegwentement tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tal-istess imsemmija ittra ufficjali hawn annessa kontra r-rikorrenti.

Dan salv kull provediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq.

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni diga' sofferti mir-rikorrenti u/jew li ghad jista' jsofri minhabba l-istess imsemmija ittra ufficjali tal-Awtorita' intimata u/jew minhabba xi att konsegwenzjali ghaliha.

Rat id-digriet taghha tal-21 t'Ottubru, 2010, fejn appuntat ir-rikors ghas-7 ta' Dicembru, 2010, b'dan li l-intimat kellu jipprezenta r-risposta tieghu fi zmien hmistax-il jum min-notifika tar-rikors lilu.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, prezentata nhar it-tmienja (8) ta' Novembru, 2010 fejn esponiet is-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*

2. *Ir-rikorrenti jammetti li huwa biegh* "il-vettura bin-numru IAM 659…lil Mario Gatt ta' 53, Sunrise, Triq Karmenu Vassallo, Siggiewi, u dana fit-3 ta' Gunju, 2002" *u* "kontemporanjament mal-istess bejgh ir-rikorrenti ffirma t-transfer relattiva tal-licenzja u cioe' l-log book u ghaddiha lill-kompratur imsemmi, flimkien mad-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-assikurazzjoni tal-istess vettura."

*3. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti qieghed jammetti li huwa ma tax l-avviz rikjest mil-ligi lill-Awtorita' ntimata ta' dan il-bejgh, kif qieghed jammetti wkoll illi huwa ma pprezentax il-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tat-trasferiment. Konsegwentement skond il-Ligi (Art. 26 tal-Kap 65), ir-rikorrenti ghadu responsabbli legalment ghal-licenzji dovuti.*

*4. Ghar-rigward tal-multi amministrattivi u tal-kontravenzjonijiet pendenti, l-Awtorita' intimata taghmel referenza ghall-ittra ufficjali minnha spedita u ghall-fatt li hija ma nterpellatx lir-rikorrenti ghal hlas taghhom, izda wissietu bl-ezisentenza taghhom. L-ittra ufficjali saret a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ma jistghux ikunu mertu tar-rikors odjern.*

*Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat illi fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Frar, 2011 xehed ir-rikorrent **John Mary Farrugia** li stqarr li hu kien sid il-vettura IAM-659 izda qal li sussegwentement kien bieghha fit-tlieta (3) ta' Gunju elfejn u tnejn (2002) li certu Mario Gatt li joqghod *Sunrise*, Triq Karmenu Vassallo, is-Siggiewi. Jghid illi in segwitù kien anke sahansitra ffirmalu l-log book sabiex isir it-transfer relattiv u tah il-log book sabiex imur u jaghmel it-transfer.

Jghid li sussegwentement kien ircieva citazzjonijiet u ghalhekk beda jcempillu, però ma bediex iwiegbu w sahansitra darba anke cempel l-ghassa tal-pulizija w qalilhom li kien lest li jmur jaqla' n-number plate u jiskreppja l-vettura. Però l-pulizija avzawh li ma setax jaghmel hekk peress li una volta bieghha, l-vettura ma baqghetx tieghu. Jghid li darba minnhom kien qal lil Gatt ukoll li kien bi hsiebu jaghmel hekk u dan kien heddu li kien se jisparalu.

Sostna li hu kien sahansitra anke bghatt emails lill-Awtorità u cioé lil Ray West, biex jghidilhom b'dak li kien ghaddej – kif jirrizulta mid-dokument "A" esebit a fol 5 u d-dokument "B" esebit a fol 6 – u minn dakinhar 'il hawn ma sema' xejn aktar, hlief bil-proceduri odjerni.

Mistoqsi ghaliex kien bieghlu l-vettura fis-sena elfejn u tnejn (2002) u l-email bghattha tlett (3) snin wara, fis-sena elfejn u hamsa (2005), jghid illi kien baghat lill-Awtorità

meta beda jircievi c-citazzjonijiet. Jghid illi l-konversazzjonijiet li kellu mal-pulizija kienu qabel l-elfejn u hamsa . Stqarr pero' li meta effettivament biegh il-vettura, lill-Awtorità ma kienx avzaha.

Xehed ukoll **Brian Farrugia** in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li jghid illi l-vettura IAM-659 hija registrata f'isem John Mary Farrugia w ilha hekk registrata f'ismu sa minn April tas-sena elfejn u tnejn (2002). Jgħid illi sussegwentement il-licenzja skadiet fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002). Sostna li hemm mitejn u disghin ewro (€290) citazzjonijiet u sal-lum ghadhom pendenti.

Jikkonferma illi l-persuna msemmija fl-email a fol 5, Ray West, kienet impjegata tal-Malta Transport, però llum il-gurnata din hija mejta.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta anke mix-xhieda tar-rikorrent stess li huwa kien biegh il-vettura tieghu IAM 659 lil certu Mario Gatt ta' 53, Sunrise, Triq Karmenu Vassallo, Siggiewi, w dan fit-3 ta' Gunju 2002. Jghid ukoll ir-rikorrent li huwa kien ghamel il-parti tieghu tat-transfer tal-vettura w ghalhekk haseb li kollox kien regolari. Gara pero' li xi tliet snin wara li sar il-bejgh, li huwa beda jircievi citazzjonijiet f'ismu fuq din il-vettura, w ghalhekk mar sabiex jipprova jirrintraccja lil din il-persuna sabiex jara ghaliex it-transfer ma sarx. Sfortunatamtent pero' ma rnexxilux jaghmel kuntatt mieghu u ghalhekk kien kiteb lil Ray West, impjegat tal-Awtorita' ntimata, w gharrfu dwar il-bejgh li kien ghamel u dwar id-diffikoltajiet li kien qed jiltaqa' maghhom sabiex jaffettwa t-transfer relattiv.

L-Awtorita' ntimata ma tichadx li dan seta' kien minnu, pero' xorta jibqa' l-fatt li t-transfer ma sarx u ghalhekk ir-rikorrenti jibqa' resposabbli ghall-vettura skond il-ligi.

Infatti l-**Artikolu 26** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:-

"*Kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Ghalhekk m'hemmx dubbju li r-rikorrenti ghadu responsabbli sa llum ghall- hlas tal-licenzji b'lura, kif qed issostni l-istess Awtorita' ntimata.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-**Artikolu 57 (1)** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

"*Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti*."

Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Awtorita' ntimata sewwa ghamlet meta pprocediet u pprezentat ittra ufficcjali fil-konfront tar-rikorrenti w talbitu l-hlasijiet tal-licenzji li huma dovuti mis-sena 2002 'il quddiem.

Ir-rikorrenti fid-difiza tieghu jghid li huwa ghamel minn kollox sabiex jipprova jaffettwa t-transfer tal-vettura u li fl-ahhar mill-ahhar jghid li ghandu jigi osservat il-principju generali tal-Gustizzja Naturali w cioe' *ad impossibilia nemo tenetur*.

Kif tajjeb osservat l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha deciza fl-10 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Jean Schembri et Vs Queen's Dry Cleaners** "*Koncettwalment, gustizzja naturali tfisser l-applikazzjoni w il-harsien tal-principju baziku essenzjali tas-smiegh xieraq.*"

Issa f'dan il-kaz ma jirrizultax li r-rikorrenti ghamel l-almu tieghu sabiex jaffettwa t-transfer, u dan ghaliex mill-provi processwali ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt interpella civilment lil dan l-allegat Mario Gatt sabiex jghamel it-transfer relattiv, nonostante l-problemi kollha li qal li kellu. Din mhix kwistjoni ta' *nemo tenetur ad impossibilia* ghaliex kieku r-rikorrenti fittex lil dan Mario Gatt sabiex jaghmel it-transfer u effettivament informa lill-Awtorita' appena biegh il-vettura, kif del resto kien obbligat li jaghmel, is-sitwazzjoni zgur ma kinitx tkun dik li hi llum.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tichad it-talbiet kollha rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 4044/10, tibqa' reza esekuttiva fil-konfront tar-rikorrenti odjern ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 4044/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------